# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**SPECIALE Salvatore**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet kontra **Salvatore Speciale** bin Guiseppe u Vincenza nee Greco, imwieled Partinico, Palermo, fid-19/5/1959, residenti ġewwa Lungo Mare Christophoro Colombo, nro 4323, Palermo, karta tal-identita bin-numru AO 1094603 u fejn ġie akkużat talli:

1. Nhar il-11 ta' Settembru 2015 u fi żminijiet preċedenti f'dawn il-gżejjer ipprattika ta' kirurgu veterinarju mingħajr ma kellu warrant biex jeserċita mill-President ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 43(2)(a) tal-Kapitolu 437 tal-liġijiet ta' Malta.

2. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ipprattika ta kirurgu veterinarju mingħajr ismu ma jkun reġistrat fir-Registru ta Kirurgi u dan bi ksur tal-artikolu 43(2)(b) tal-Kapitolu 437 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat li l-proċediment huwa wieħed li jaqa' taħt il-kompetenza oriġinali ta' din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet lill-uffiċjal prosekutur jikkonferma l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Il-Qorti staqsiet lill-imputat x'għandu xi jwieġeb għal dawn l-akkużi u l-istess imputat, debitament assistit mill-konsulent legali dott. Arthur Azzopardi wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti ordnat li tisma' xi xiehda biss u limitatament sabiex tkun tista tikkalibra l-piena;

Semgħet ix-xiehda' ta' Joel Zammit, Reġistratur tal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji li tenna li l-imputat kien fil-fatt issottometta applikazzjoni mal-Awtorita Kompetenti sabiex ikun jista' jikseb l-awtorizzazzjoni biex jeżerċita ta' veterinarju f'Malta, iżda l-applikazzjoni tiegħu kien għad jonqosha xi dokumenti li għad iridu jiġu prodotti biex tkun tista' tiġi pproċessata.

Semgħet ix-xiehda ta' Philip Rizzo, Kap Ezekuttiv tal-Korporazzjoni tal-Impjiegi u t-Taħriġ li tenna li minħabba riċentement il-Kabinett kien approva Malta Vacancy Exemption List li permezz tagħha ċerti kategoriji ta' xogħol (li d-domanda tagħhom kienet kbira fil-Gżejjer Maltin, iżda li l-provvista għalihom ma kienetx suffiċjenti minn qalb il-ħaddiema Maltin jew mill-Unjoni Ewropeja jew mill-EEA) tħaffitilhom il-proċedura t'ipproċessar għall-impjieg ta' persuni estrakomunitarji.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena : -

Lill-Uffiċjal Prosekutur li tenna li :

(a) F'dan il-każ l-imputat ikkopera mal-Pulizija;

(b) Li fi kwalunkwe każ kien persuna li pproduċiet dokumentazzjoni li kienet turi li kien veterinarju li applika biex ikun jista' jipprovdi servizzi veterinarji f'Malta.

Lill-Avukat Difensur li tenna li :

(1) Jaderixxi mas-sottomissjonijiet tal-Uffiċjal Prosekutur ;

(2) Li l-imputat kien verament veterinarju;

(3) Li ż-żiemel li kien qiegħed idewwi verament kien jeħtieġ il-kura u l-imputat kien qiegħed jikkura liż-żiemel u ma kien bl-ebda mod qiegħed jagħmel ħsara jew jipperikola ħajjet jew saħħet iż-żiemel;

(4) Li l-imputat, a differenza ta' diversi persuni oħra f'Malta li kienu qed jeżerċitaw is-servizzi veterinarji, verament kien veterinarju kwalifikat, kif ukoll kien applika sabiex jingħata l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex ikun jista' jipprattika l-professjoni tiegħu f'Malta.

(5) Għalhekk talab li l-piena tkun aktar viċina għall-minimum milli għall-maximum ta' dak statutorjament ipprovdut.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha;

***<u>Ikkunsidrat</u>***

Illi f'dan il-każ ġie ppruvat li l-imputat ma kienx qiegħed jopera skont il-Liġi fis-sens li ma kellux l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex jopera ta' veterinarju f'Malta skont il-kriterja stabbili mill-Liġi. Mill-banda l-oħra jirriżulta wkoll li mhux kontestat li huwa fil-fatt veterinarju kif ukoll li kien saħansitra applika biex jopera ta' veterinarju f'Malta. Irriżulta pruvat ukoll li l-proċedura biex jiġi impjegati f'Malta servizzi veterinarji hija waħda li ġiet aġevolata bil-qawwi tant li anke għal persuni

extrakomunitarji saret aktar faċli għalihom li jottjenu l-permessi meħtieġa, aħseb u ara għalhekk għal ċittadini tal-Unjoni Ewropeja. Fatto sta li sal-ġurnata inkriminata, din l-awtorizzazzjoni kienet mankanti u ta' dan l-imputat irid jirrispondi. Biss din il-Qorti tenut kont tal-fatt li s-suq tax-xogħol ma għandux ikun maħkum minn anarkija fejn kulħadd jaħdem li jrid u kif irid, ma jistax ma jintbagħtax messaġġ ċar li abbużi f'dan il-qasam mhux permessi. Mill-banda l-oħra irid jittieħed in konsiderazzjoni mhux biss li l-imputat irreġistra ammissjoni bikrija u kkollabora mal-Pulizija, talli wkoll li l-imputat kien applika mal-Awtoritajiet biex ikun awtorizzat jaħdem f'Malta u ma kienx xi avventurier jew ċarlatan. Jibqa' l-fatt li ż-żelu tiegħu biex jaħdem f'Malta ħin qabel il-waqt, ġegħlu jikkommetti dan ir-reat, li għalih issa jrid jirrispondi.

**<u>*DEĊIDE : -*</u>**

Li wara li ssib, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess lil SPECIALE Salvatore, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontih u wara li rat l-Artikoli 17(f)(h) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 43(2)(3) u 57(1)(2) tal-Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah għall-multa ta' komplessiva ta' ħamest elef euro (€5,000). Stante li ma jirriżultawx eżibiti f'dan il-każ u l-anqas prova ta' strumenti tagħmir, prodotti jew sustanzi li ġew użati għall-kommissjoni tar-reat, il-Qorti tastjeni milli

tieħu konjizzjoni tad-disposizzjoni tal-Artikolu 57(2) tal-Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta' Malta.

***Mogħtija illum, 12 ta' Settembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta,***

***Aaron M. Bugeja.***